MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 584/2004

**Saliba Bros Limited**

**vs**

**Charles Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin (Lm416) rappresentanti servizzi u prodotti provduti lill-konvenut, kif ukoll ta'l-ispejjez (eskluzi l-ispejjez ta'l-avviz) sal-gurnata tal-prezentata ta'l-avviz., oltre l-imghaxijiet fuq l-ammont sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta’ April 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mija u sittax-il lira Maltin (Lm416), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------